# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tad-9 ta' Frar 2001**

**Citazzjoni numru 1229/94 GC**

**Anglu u Catherine konjugi Desira**

**vs**

**John u Catherine konjugi Fenech**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi gie kommess spoll vjolenti u klandestin mill-konvenuti u dan b'dannu u kontra r-rieda tal-atturi, liema spoll jikkonsisti fil-fatt li l-istess konvenuti okkupaw parti mill-art f'Tal-Lippija, fl-arja ta' San Tumas, Zejtun, ghalquha b'cint u fethu bieb ghal fejn kien taht il-pussess tal-atturi;

Illi minn meta gie kommess dan l-ispoll sal-presentata ta' din ic-citazzjoni m'ghaddewx xahrejn;

Illi minkejja kull interpellazzjoni, ma kienx hemm reintegrazzjoni ghall-istat antecedenti mill-konvenuti;

L-atturi talbu ghalhekk li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) tiddikjara li l-fatt li l-istess konvenuti okkupaw parti mill-art f'Tal-Lippija, fl-arja ta' San Tumas Zejtun, ghalquha b'cint u fethu bieb ghal fejn kien taht il-pussess tal-atturi kontra r-rieda tal-atturi jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin;

(2) tikkundanna lill-konvenuti li fi zmien qasir u perentorju jirreintegraw lill-atturi fl-istat antecedenti ghall-istess spoll;

(3) fin-nuqqas li dan isir, tawtorizza li l-istess reintegrazzjoni ssir mill-atturi u dan bi spejjez tal-istess konvenuti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni, u b'riserva ghal kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet fejn il-konvenuti eccipew :-

1) Illi c-citazzjoni odjerna giet pprezentata fuori termini peress illi l-art u c-cint qed jalligaw l-atturi li ttiehdet mill-konvenuti ilha fil-pussess tal-konvenut jew il-genituri tieghu aktar minn tletin sena;

2) Illi l-bieb li nfetah mill-konvenuti ricentement huwa fil-proprjeta mikrija lill-konvenuti u jaghti ghal fuq il-proprjeta illi hija, u dejjem kienet, fil-pussess tal-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Jannar 1998;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-atturi;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tal-konvenuti;

Ikkonsidrat:

Fil-kawza "Michael Mamo -vs- Philip Grima" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta Frar 1958 intqal li "n-natura tal-azzjoni ghandha tigi principalment dezunta mit-termini li fihom tkun koncepita c-citazzjoni." Mic-citazzjoni odjerna, inkluzi t-talbiet, jirrizulta li din hi kawza ta' spoll privileggjat mghamula ai termini tal-provedimenti tal-artikolu 535 tal-Kodici Civili (Kap.16). Sabiex tirnexxi din l-azzjoni l-atturi ghandhom jippruvaw li huma l-possessuri tal-proprjeta in kwestjoni u li huma gew molestati mill-konvenuti fil-godiment taghhom ta' din l-istess proprjeta. B'referenza ghall-artikolu 524 tal-istess Kodici Civili hu bizzejjed li l-atturi jipprovaw l-anqas grad ta pussess, u cioe li huma kienu almenu qed jiddetjenu ghan-nom ta haddiehor;

L-atturi f'din ic-citazzjoni jallegaw li l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin fil-konfront taghhom. L-atturi allegaw li l-konvenuti okkupaw parti mill-art mgharufa bhala Tal-Lippija, fl-arja ta' San Tumas, iz-Zejtun. Huma jallegaw li l-konvenuti ghalqu din il-bicca art b'cint u fethu bieb ghal fejn hu fil-pussess tal-atturi. L-atturi ppremettew ukoll li minn meta gie kommess dan l-ispoll sal-presentata ta' din ic-citazzjoni m'ghaddewx xahrejn. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li skond l-imsemmija provedimenti tal-artikolu 535 l-azzjoni ta spoll privileggjat trid issir fi zmien xaharejn minn meta jkun sar l-ispoll. In effett fl-ewwel lok il-konvenuti qed jecepixxu li din l-azzjoni saret fuori termine;

Mill-provi prodotti, pero', jidher li din l-azzjoni saret fiz-zmien li trid il-ligi. Dan jirrizulta mid-deposizzjoni mhux kontradetta tal-atturi u ta' xhieda ohra. In effett il-konvenut naqas li jipproduci provi dwar dak li huwa allega, f'dan ir-rigward, fin-nota ta' eccezzjonijiet. Barra minn hekk l-konvenut lanqas biss accenna ghal din il-kwestjoni tat-terminu fid-deposizzjoni tieghu. In vista ta' dan kollu l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti zgur li ma tistax tigi akkolta;

Il-konvenuti eccipew ukoll li l-bieb li huma fethu qieghed f'proprjeta li hi mikrija lilhom u dan l-istess bieb jghati ghal fuq il-proprjeta illi hi, u dejjem kienet, fil-pussess taghhom. F'dan ir-rigward l-atturi kkonfermaw li l-pretensjoni taghhom hi li l-ispoll gie kommess meta l-konvenut John Fenech fetah bieb li minn kamra jghati ghal fuq ir-raba taghhom u dana minghajr il-kunsens jew l-awtroizzazzjoni taghhom. Jidher li l-atturi qed jippretendu li ghandhom xi drittijiet ghar-rigward tal-imsemmija kamra minn fejn il-konvenut fetah il-bieb. L-atturi pero' jammettu li fil-hin li l-konvenut fetah dan il-bieb, l-istess konvenut kellu l-pussess esklussiv tal-istess kamra u inoltre jammettu ukoll li huma kienu ilhom zmien twil ma jersqu lejn l-istess kamra. Ma jistax jinghad ghalhekk li l-atturi kienu fil-pussess ta' din il-kamra;

Meta xehed il-konvenut huwa kkonferma li carrat tieqa, li kien hemm fl-imsemmija kamra, u din l-istess tieqa ghamilha bieb. Il-konvenut isostni li ghamel dan kollu fi hwejjgu u inoltre li l-istess bieb jghati ghal fuq borg gebel u ghal fuq passagg li huma fil-pussess tieghu u mhux tal-atturi. F'dan ir-rigward il-konvenut ikkonferma li huwa ghandu dritt li jghaddi minn dan il-passagg, oltre li tnejn minn nies ghandhom dritt ta' passagg limitat mill-istess mghodija. Il-konvenut jaqbel li l-imsemmi passagg jghati ghal fuq ir-raba tal-atturi;

Fid-deposizzjoni taghha l-attirci ghall-ewwel issostni li l-konvenut fetah dan il-bieb direttament fuq ir-raba taghha u ta' zewgha. Sussegwentement pero' l-attrici taqbel li bejn l-imsemmi bieb u r-raba taghhom hemm moghdija u hemm borg gebel. L-attrici kkonfermat ukoll li din il-mghodija tintuza mill-konvenut u minn terzi. L-attrici sostniet li hi u zewgha ukoll ghandhom id-dritt li jghaddu minn din il-mghodija pero ilhom ma juzaw din l-istess mghodija zmien twil u inoltre kkonfermat li biex tasal ghar-raba taghha ma hemmx ghalfejn li tghaddi minn din il-mghodija;

In vista ta' dan kollu, ghalhekk, jirrizulta li l-konvenut fetah il-bieb in kwestjoni minn kamra li mhux fil-pussess tal-atturi. Inoltre jirrizulta li dan il-bieb ma jghatix direttament ghar-raba tal-atturi izda jghati ghal fuq borg gebel u mghodija li ma jirrizultax li huma fil-pussess tal-atturi. Konsegwentement ma jirrizultax li l-atturi gew b'xi mod molestati jew spussessati;

B'hekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi akkolta u konsegwentement it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu respinti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u ghalhekk tichad it-talbiet kollha tal-atturi;

Spejjez jithallsu kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-atturi u kwantu ghar-rimanenti kwart (1/4) mill-konvenuti.